MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Numru. 339/2005

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)
vs
Jonathan Abela

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Jonathan Abela, detentur tal-karta ta' l-identita numru 571685(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-12 ta' Frar 2005 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'Tal-Pieta u f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija u DVDs b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq;

Talli fl-istess cirkustanzi, bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod ieor

irripproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, DVDs jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil / jew taht il-ligi ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat iwiegeb illi kien hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tad-29 ta' April, 2005 meta kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikolu 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Taqta u tiddeciedi billi, fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, issib lill-istess imputat hati ta' dawn l-akkuzi kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 298 (1) (f) u 298 (b) kif ukoll l-Artikolu 298 tal-Kap 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni mal-ewwel u b'hekk evita illi issir il-kumpilazzjoni, il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ikkopera mal-ewwel mieghu, kif ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi n-numru tad-DVDs ikkonfiskati kienu ta' mija tmienja u tmenin. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fis-sens illi din hija l-ewwel darba illi l-imputat xellef difru mal-Ligi, kif ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi il-bejgh ta' dawn id-DVDs ma kienx qed isir b'xi mod kummercjali. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalhekk ma tqisx illi f'dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkaduta u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali, jekk l-imputat jinghata l-

ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghalhekk, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi tilliberah taghmel dan bil-kundizzjoni illi l-imputat ma jikkommetix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tal-DVDs kollha illi instabu mill-pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------